# TQALA U TWELID

Dr. CHARLES CASSAR M.D.

Meta ix-xebba tizzewweg, tkun tixtieq ikollha t-tfal. Ghalhekk, meta ddum ma tohrog tqila tara x'taghmel biex dan isehh. Gie li wahda waslet biex libset il-libsa ta' bil-lejl ta' mara ohra mizzewga li kellha hafna tfal, bit-tama li din iggib dak li trid hi. Minbarra dan kienet titlob lill-Madonna u lill-qaddisin u taghmel weghdi, kif ghadu jsir ukoll illum, l-aktar mal-Madonna tal-Hlas ta' Hal Qormi, ma' Santa Rita, Sant'Antnin, u Santa Margerita a Lacoque, u jekk ikollha tarbija, twettaq il-qeghda li tkun ghamlet, billi taghti zejt, xemgha, flus, jew xi hannieqa tad-deheb jew curkett, u xi drabi ukoll xi "ex-voto" tal-fidda bil-figura ta' tarbija, imgezwra fil-fisqija.

Dari, li jkollok it-tfal kienet haga gejja mis-sema, u ta' farag. Il-mara li kienet tohrog tqila kienet meqjuma u migjuba hafna, u kienu jharsu lejha bhala bniedma li tiswa izjed, l-aktar minn zewgha.

Il-mara tqila kienet tkun imharsa minn kull xewqa li kien ikollha, l-aktar xi xewqa ta' ikel jew xorb. Kienu jahsbu li jekk l-omm tara jew ixxomm ikel u xorb li tkun tixtieq, jekk hi ma dduqux, u tmiss gisimha, bhal nghidu ahna wiccha, it-tarbija titwieled b'tebgha f'wiccha minhabba dik ix-xewqa. Ghalhekk, biex dan ma jsehhx, kulhadd kien jipprova jdeqqaq l-omm minn dak li kienet tixtieq.

Kien hemm min jahseb li kien ikun jista' jghid jekk it-tarbija kienetx sejra tkun tifel jew tifla. Kienu jghidu, li jekk l-ghamla taz-zaqq tkun tonda, tigi tifla; jekk tkun ippuntata jigi tifel. Kien jinghad ukoll, li jekk l-omm ikollha wiccha mixrub jitwieled tifel, u jekk wiccha jkun mimli u tond, tigi tifla

Minn xi gimgha qabel il-hlas, l-omm keinet thejji d-dar billi ddendel il-purtieri, izzejjen is-sodda bil-kurtinagg, u jitlesta kannestru bil-hwejjeg tat-tarbija. L-omm kienet tlesti wkoll cfuf roza u celesti kbar taz-zigarella wiesa' tal-harir biex jitwahhlu mal-kurtinagg tas-sodda u mal-kannestru hekk kif titwieled it-tarbija, celesti ghal tifel, roza ghal tifla.

Dari l-omm ma keinetx tmur l-isptar jew il-klinika biex twelled. Dan kien isir id-dar taghha taht ghajnejn zewgha jew ommha; kienet tkun haga kbira jekk l-omm ma twellidx fid-dar. Minn xhur qabel, kienu javzaw lill-qabla biex malli l-mara thoss xi haga, din dlonk tigi b'xi bagalja, valigetta jew basket tal-gilda li kien ikun fih dak kollu li kien jinhtieq waqt it-twelid jew hlas. Waqt il-hlas, il-mara kienet titlob, u zzomm irkbbitha mghejuna mir-ragel, waqt li hi twahwah u l-ohrajn jitolbu, sakemm it-tarbija titwieled, kulhadd jifrah u jitqassam ix-xorb.

Wara l-hlas, l-omm ituha tiekol ftit brodu tat-tigieg biex l-istonku joqghod, u kien ikun tat-tigieg, ghax ma kienx isahhan bhal dak tal-beccun li kienu jiehdu l-gharajjes wara l-ewwel lejl tat-tieg. L-omm l-ewwel li kellha tiekol kienet ir-ras tat-tigiega, ghax kienu jahsbu li b'hekk it-tfal johorgu mohhom tajjeb, u dan jinkiseb permezz tal-halib tal-omm. Dan kien isir meta kollox kien jispicca b'wicc il-gid fil-hlas. Jekk kien jigi bil-ghawg, kienu jibghatu ghat-tabib, u meta jarawh diehel, bil-bagalja tal-ghodda kienu jqarrsu wicchom. Il-qraba li jkunu d-dar jibdew ipacpcu wara d-dar it-tabib, imhassbih, u gie li kienet tigi xi mara fosthom b'xi warda tal-hlas go tazza bl-ilma, ghax kienu jahsbu li jekk din tiftah tfisser hlas tajjeb, izda jekk le, kienet tkun serja. Jekk wara dan kollu il-hlas jispicca tajjeb, il-prosit imur l-ewwel lill-qaddisin, u wara lit-tabib. Mal hlas jigi l-qmas, u issa jidhol ix-xoghol tal-qabla. Din l-ewwel tahsel lill-

mehlusa, u wara tissikkalha zaqqha b'terha li tiddawwar hafna drabi. L-omm kienet tibqa fis-sodda ghal xi ghaxart ijiem. L-ikel taghha kien ikun brodu u laham tat-tigieg, ftit hobz u frott. Ma keinetx tohrog mid-dar qabel erbghin jum, u meta tohrog ghall-ewwel darba kienet tmur bit-tarbija biex tqeghdha f'riglejn il-Madonna tal-Karmnu.

Malli t-tarbija titwieled, kienet tigi msahhna fil-flanella li kienet tithejja minn qabel. Jibdew billi jaghtu banju lit-tarbija billi jahslulha z-zlieg li jkollha bis-sapun. Fuq iz-zkora kienu jaghmlu ftit trab tar-rham bi ftit tajjar fuqu, u jinfaxxaw kollox. Ilibbsu lit-tarbija u jgezwruha fil-fisqija. Ghal dan, kienujlestu l-friex maghmul mill-fustana tad-drapp ta' Malta li kienet titqieghed minn barra. Il-fustana kienu jifirxuha fuq is-sodda, u fuqha jpoggu harqa tal-flanella, u terga fuq din harqa tax-xugaman, u fl-ahhar ukoll ohra taxxoqqa ratba jew ghazel irqiq. L-ewwel kienu jaghmlu l-qlejba, minn drapp abjad fin, bi tliet ponot. It-tarbija titqieghed fuq kollox, dawh jittellghu minn taht dirghin it-tarbija u minn taht is-saqajn, u jeghmzu bil-labra tas-sarwan, izda jhallu l-wisgha biex is-saqajn jistghu jicca-qalqu gewwa. Wara li jitwu kollox kienu jdawru il-fisqija minn taht dirghajn it-tarbija s-sifel, u ssir tidehr qisha trajbu. Dan kienu jaghmluh ghax kienu jahsbu li b'hekk it-tarbija tikber aktar b8sahhitha u dahrha dritt. Wara dan kienu jqeghdu lit-tarbija gol-benniena jew nieqa. Din kienet tkun maghmula minn xkora miftuha, b'zewg fettiheit ta' l-injam wahda fir-ras, u l-ohra fis-sieq, u kienet tiddendel bil-hbula ma' zewg grampuni, f'xi rokna kennija tad-dar. Biex it-tarbija torqod, l-omm kienet tbenninha u tghannilha:

"Orqod ruhu orqod/ Fil-benniena tal-harir,/Dik ommok il-Madonna,/ W missierek Gesu Bambin."

In-nieqa kienet titbandal bilmod il-mod sakemm it-tarbija torqod

Jekk it-tarbija kienet tkun tifel, aktar kienu jifirhu biha, l-aktar jekk kienet tkun tifel tal-ewwel. Kienu jlibbsulha xi gizirana rqiqa tad-deheb b'xi domna jew salib, u xi domna ohra tal-qaddisin preferiti. Kienu wkoll iqeghdu xi bahabuha kontra l-ghajn hazina, man-nieqa jew mal-libsa, jew mal-fisqija. L-antiki kienu jdumu jreddghu lit-tarbija ghal zmien twil. L-omm kienet treddgha lit-tarbija l-ewwel darba min-naha tal-lemin, ghax inkella, jekk terda mix-xellug, kienet tohrog cellugija. Fi zmien it-treddiegh, l-omm ma kien etx tiekol ikel hami, u ma tehux tursin. L-omm kienet ukoll titlob lil Sant'Agta biex ikollha aktar halib.

Sakemm it-tarbija titghammed, din kienet titqies bhala ghadu tal-Genna, jew bhala Tork, u kienu jahsbu li jekk din tmut qabel ma titghammed, ruhha kienet tmur il-limbu. Kienu ghalhekk ifittxu li jghammduha mill-aktar fis; kienhemm min jghammidha fi zmien erbgha u ghoxrin siegha mit-twelid, ghax kienu jghidu li b'hekk kienu jtellghu ruh mill-purgatorju. L-ilbies tal-maghmudija kien ikun libsa bajda twila, xaktarx kol lha rakkmu u bizzilla, bajda bhala turija ta' safa. Kienet tintiret minn generazzjoni ghall-ohra. Kellha wkoll l-iskuf-ja u xall bil-frenza tal-harir. Ma' dawn kien ikun hemm maktur fin u kappun ghall-qurriegha tat-tarbija, li kien jintlibes fil-maghmudija biss wara li jsir id-dlik taz-zejt imbierek. Meta dan il-kappun jinhasel, kienu juzaw ilma wahdu blasapun, u l-ilma li jibqa jinxtehet fil-qsari, minhabba li jkollu z-zejt imbierek. L-omm kienet tibqa d-dar waqt il-maghmudija. Ir-reffiegha tat-tarbija kienu jerfugha fuq ix-xellug jekk tifla, jew fuq il-lemin jekk tifel. Il-parrinu jzomm ras ta' tifel, il-parrina ras ta' tifla waqt il-maghmudija, ghax kienu jahsbu li b'hekk tohrog tixbah lill-parrini. Il-parrini kienu jghidu l-Kredu bla zball, ghax inkella t-tarbija tohrog ittemtem.

Wara kollox imorru d-dar fejn issir festa familjari.